MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2009

Numru 443/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**vs**

**CHRISTOPHER SHEPHERD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Christopher Shepherd ta’ 38 sena, iben missier mhux mahruf u Mary Anne Shepard, imwieled Vitoria Ghawdex nhar l-20.07.1970 u residenti gewwa fond no. 123, Triq tal-Borg, Paola, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 19870(G).

Billi gie akkuzat talli gewwa Santa Venera nhar l-24 ta’ Marzu 2009, f’xi hin bejn 12:00pm u 1:45pm, ikkommetta serq ta’ prodotti ta’ l-ikel u xorb minn gewwa van ta’ l-

ghamla Toyota Hace 280 bin-numru tar-registrazzjoni **IQZ-102**, li kien ipparkjat fi Trejqet il-Ferrovija, Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi 232.94 euro u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan sar ghad-dannu ta' Jonathan Felter u/jew persuni ohra;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija titratta lil imputat bhala li sar recediva ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 06/04/2006 u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Dott. D. Montebello datata 16/11/2004, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali markat bhala Dok AP3 fil-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(3), 280(2), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christipher Shepherd fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-

cirkostanzi kolha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imputat tikkundanna lill-imputat Christopher Shepherd ghall-piena ta’ sittax (16) il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------